# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Awwissu, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 329/23/1**

**Polaris Marine Services Co Ltd (C-48840)**

**v.**

**1. Direttur Ġenerali tal-Kuntratti;**

**2. Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u L-Akkwakultura; u**

**3. United Equipment Company (UNEC) Ltd (C-10827)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Polaris Marine Services Co. Ltd kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fid-9 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha l-Bord ma laqax

l-oġġezzjoni tagħha dwar it-twarrib tal-offerta tagħha minn sejħa pubblika bin-numru ta' riferenza SPD 8/2022/181.

**Daħla**

2. Fis-7 ta' Diċembru, 2022, id-Direttorat tal-Akkwist Settorjali, fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti, ħabbar sejħa pubblika (SPD8/2022/181) f'isem id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura msejħa, *«Tender for the Supply, Delivery, Maintenance and Commissioning of Two Rigid Hull Inflatable Boats (RHIB) for the Department of Fisheries and Aquaculture.»*

3. L-oblaturi ekonomiċi interessati fis-sejħa kellhom jippreżentaw żewġ RHIBs (dgħajjes li jintnefħu b'qafas iebes), li joqogħdu mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija f'paġni 15 sa 20 tad-dokument tas-sejħa. Fost dawn l-ispeċifikazzjonijiet kien hemm il-partiti bin-numru 3.1.3, 3.1.6 u 3.1.12 li kienu jaqraw hekk:

| NO. | Item | Specifications |
|---|---|---|
| **3.1.3** | RHIB Color | • A. Tubes to be of blue colour<br>• B. Deck and cabin - Light colors white or cream. |
| **3.1.6** | Tube Material and Ancillaries | • A. High grade Hypalon-Heavy Duty<br>• B. External Lifelines |

| | | |
|---|---|---|
| | | • DFA Control logo along both sides of tubes.<br>• EMFF logo to be fixed with Cabin |
| **3.1.12** | Cuddy pilot cabin | • A. Cuddy Pilot cabin must accommodate crew members both sitting or standing comfortably; be closable with weather tight, removable, and transparent canopy with access.<br>• B. Cabin must house minimum two front seats in line and parallel to each other with comfortable leg space.<br>• Pilot Cabin commercial of either GRP or aluminium make with extended top. |

4. Polaris Marine Services Co Ltd u United Equipment Company (UNEC) Ltd kienu fost oblaturi ekonomiċi oħrajn li ħadu sehem f'din is-sejħa.

5. Waqt li l-kumitat tal-għażla kien qiegħed jgħarbel l-offerti huwa kiteb lill-kumpanija appellanti u fost ħwejjeġ oħra talabha biex din tipprovdi letteratura li tinkludi l-*logos* imsemmija f'*item* 3.1.6 u talabha wkoll biex tispeċifika l-materjal tal-*cuddy pilot cabin* imsemmija f'*item* 3.1.12.

6. Polaris Marine Services Co Ltd wieġbet lura hekk:

> *«It is confirmed that a total of three logos are to be affixed to each vessel; (2x) DFA Control logos along both sides of the tubes and (1X) EMFF logo on the cabin, in accordance with the requirements set out*

*in item 3.1.6 of the Technical Offer. Kindly refer to documents labelled as 'C2.1' and 'C2.2'.*

*It is hereby confirmed that the cuddy pilot cabin's material is GRP with aluminium struts that serve as fixed supports for the extended top. This in accordance with the requirements set out in item 3.1.12 of the Technical offer and marine industry standards.»*

7. Il-kumitat tal-għażla reġa' kiteb lura lil Polaris Marine Services Co Ltd u talabha biex din id-darba tipprovdi letteratura dwar il-*cuddy pilot cabin* imsemmija f'*item* 3.1.12 u sabiex tipprovdi letteratura li turi li l-lewn tat-tubi ħa jkun skont *item* 3.1.3 tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

8. Polaris Marine Services Co Ltd wieġbet hekk:

*«It is hereby re-confirmed that the proposed tubes are of blue colour and the deck and cabin are of white/cream colour, in line with the requirements set out in item 3.1.3. of the Technical Offer. Kindly refer to document labelled as 2C1.1.»*

9. Wara li ntemm l-istadju tal-għarbiel tal-offerti, id-Dipartiment tal-Kuntratti fil-11 ta' April, 2023 għarraf lil Polaris Marine Services Co Ltd illi l-offerta tagħha ma tqisitx bħala konformi mal-ħtiġijiet tekniċi tas-sejħa. Ir-raġunijiet tat-twarrib tal-offerta tagħha ġew imfissra hekk:

*«Bidder was asked to rectify the following: (i) Bidder was asked to submit Literature specifying the form and the class categories of the vessels as requested in item 1.1 of the Literature List and as per item 3.1.2 of Technical Offer; (ii) Bidder was asked to submit Literature which include the logos required on the vessels as requested in item 1.2 of the Literature List and as per item 3.1.6 of the Technical Offer; (iii) Bidder was asked to specify the material of the cuddy cabin as requested in item 1.5 of the Literature List and as per item 3.1.12 of the Technical Offer; (iv) Bidder was asked to submit Literature items 1.14A, 1.14B, 1.14C, 1.14D and 1.14E as specified in item 1.18 of the submitted Technical offer; (v) Bidder was asked to submit literature containing the necessary*

*specifications specified in items 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3, 3.2.4, 3.2.5, and 3.2.6 of the Technical offer as per item 1.11 of the Literature List; The bidder responded as follows for each rectification request: (i) Bidder submitted Literature confirming that the proposed vessels shall have a deep-V hull, with a 23-degree deadrise, suitable for all weather coastal conditions. Furthermore, a sample of the CE plate that shall be affixed to the vessels' hull was submitted, as requested in item 3.1.2 of Technical Offer; (ii) Bidder confirmed that a total of three logos shall be affixed to each vessel.* ***<u>The bidder confirmed that the (2x) DFA Control logos shall be along both sides of the tubes; however the (1x) EMFF logo was drawn onto the navigation console and not on the cabin, as requested in item 3.1.6 of the Technical Offer</u>****; (iii) Bidder confirmed that the cuddy pilot cabin's material is GRP with aluminium struts that serve as fixed supports for the extended top, as requested in item 3.1.12 of the Technical Offer; (iv) Bidder submitted literature items '1.14A', '1.14 B', '1.14C', '1.14D' and '1.14E' as requested. (v) Bidder submitted literature that confirms specified items 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3, 3.2.4, 3.2.5, and 3.2.6 of the Technical offer and as per item 1.11 of the Literature List. In view of this response, Bidder was asked for the following rectifications: (vi) Bidder was asked to submit literature containing specifications and diagrams of the cuddy pilot cabin as requested in item 1.5 of the literature list and item 3.1.12 in the technical offer. (vii) Bidder was asked to submit literature showing the colour of the tubes and cuddy pilot cabin as per literature item 1.1 of the literature list and item 3.1.3 of the technical offer. The bidder responded as follows for each rectification request: vi)* ***<u>Bidder's response stated that they will provide a t-top canopy that can be turned into a closable cabin by means of a transparent all round plastic cover. Furthermore, the diagram submitted does not depict either a cuddy cabin or the closable plastic as submitted in the response</u>****. vii)* ***<u>Bidder's response stated that tube colour will be blue, however diagram submitted does not show that the tubes are in fact blue</u>****. In view of this response, the TEC has considered the bid to be technically non-complaint and was not evaluated further.»*

10. Fl-istess korrispondenza ġie mgħarraf li l-kuntratt ġie rakkomandat illi jingħata lil United Equipment Co (UNEC) Ltd għall-prezz ta' €399,861.08 mingħajr VAT.

11. Polaris Marine Services Co Ltd ressqet ittra ta’ oġġezzjoni quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kontra d-deċiżjoni tal-iskwalifika tagħha u kontra l-għoti tal-kuntratt lil United Equipment Co (UNEC) Ltd. Hija argumentat li: (i) id-data tal-avviż tal-aġġudikazzjoni kienet ħażina; (ii) li l-iskwalifika tagħha dwar il-fatt li l-EMF logo ġiet murija fuq in-*navigation console* minflok fuq il-kabina hija sproporzjonata wisq meta wieħed iqis li l-offerta tagħha hija €120,000 orħos minn dik rakkomandata; (iii) li l-proposta tagħha dwar il-kabina kienet konformi mas-sejħa; u (iv) li hi kkonfermat li t-tubi kienu ħa jkunu ta’ lewn blu.

12. Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura u United Equipment Company (UNEC) Ltd wieġbu bil-miktub li d-deċiżjoni tal-iskwalifika kienet waħda tajba.

13. B’deċiżjoni mogħtija fid-9 ta’ Ġunju, 2023, il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

> *«This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will now consider Appellant’s grievances.*
>
> *a) **<u>First grievance (Date of Award Notice)</u>** – This Board opines that the erroneous date stated in the Award Notice, i.e. 6th January 2023, is clearly a lapsus calami and such issue does not merit any further consideration.*
>
> *b) **<u>Financial considerations</u>** – it has been stated on more than one occasion, by this Board and by the Court of Appeal, that in order to proceed to the financial evaluation process, an economic operator needs to be both administratively and*

*technically compliant. Therefore, any arguments brought forward in relation to the price submitted, are being deemed irrelevant to proceedings.*

*c) __**Third grievance (Cuddy cabin)**__ – It is the same appellant that states that according to them a 'cuddy cabin' "was not the correct description" as it should be "…. under deck at the back of the boat", but then they failed to request a clarification before submitting their bid. Moreover, witness Mr William Vella, under oath, stated that a T-top cover and a cuddy are not the same thing. None-the-less, even though technical specification 3.1.12 clearly requested a 'Cuddy pilot cabin', they submitted a bid with a 'T-top cover'. It is this Board's opinion that the Evaluation Committee correctly practised the principle of self limitation by proceeding in the way they did. The Board therefore, does not uphold this grievance of the appellant.*

*d) __**Second & Fourth grievance**__ – due to the fact that the 'third' grievance above has not been upheld, these two (2) grievances (second & fourth) are being deemed irrelevant.*

*The Board,*

*Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

*a) Does not uphold Appellant's Letter of Objection and contentions,*

*b) Upholds the Contracting Authority's decision in the recommendation for the award of the tender to United Equipment Co (UNEC) Ltd,*

*c) Directs that the deposit paid by Appellant not to be reimbursed.»*

14. Polaris Marine Services Co Ltd appellat minn din is-sentenza fit-28 ta' Ġunju, 2023 u talbet biex din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla fejn ġiet skwalifikata l-offerta tagħha u fejn il-kuntratt ġie aġġudikat lil United Equipment Company (UNEC) Ltd. Minflok Polaris Marine Services Co Ltd talbet biex din il-Qorti taġġudika l-kuntratt lilha

jew tordna li ssir aġġudikazzjoni oħra mingħajr l-iskwalifika tagħha. Barra minn hekk, hija talbet ukoll biex id-depożitu li ħallset biex oġġezzjonat quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jiġi mrodd lura lilha.

15. L-aggravji kollha jolqtu l-iskwalifika tal-offerta tagħha fuq il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija f'paragrafu 3 ta' din is-sentenza.

16. Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti wieġeb għal dan l-appell fil-21 ta' Lulju, 2023. Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura wieġeb fis-27 ta' Lulju, 2023 u United Equipment Company (UNEC) Ltd wieġbet fit-28 ta' Lulju, 2023. F'dawn it-tweġibiet l-appellati kollha nsistew li l-appell għandu jiġi miċħud u li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

17. Inżamm smigħ fit-8 ta' Awwissu, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Ir-**regola 2** tar-**Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** tagħmel distinzjoni bejn offerti inaċċettabbli u offerti mhux konformi.

19. Offerta hija meqjusa bħala **inaċċettabbli** meta din m'għandhiex il-kwalifiki meħtieġa jew meta l-prezz tal-offerta jkun jaqbeż il-baġit tal-awtorità kontraenti, kif determinat minn qabel il-ħruġ tal-proċedura tal-akkwist.

20. Mill-banda l-oħra, offerta hija meqjusa bħala **mhux konformi** meta din ma tkunx taqbel ma' dak mitlub fid-dokumenti tas-sejħa, meta l-offerta titwassal tard, meta jkun hemm evidenza ta' kollużjoni jew korruzzjoni, jew meta jinstab li l-offerta tkun baxxa żżejjed b'mod mhux normali.

21. Fil-każ tal-lum, il-kumitat tal-għażla qies l-offerta ta' Polaris Marine Services Co Ltd bħala waħda mhux konformi għaliex sab li din ma kinitx toqgħod ma' dak mitlub fis-sejħa.

22. Għalkemm ir-raġunijiet tal-iskwalifika msemmija fl-ittra tal-11 ta' April, 2023 setgħu u kellhom jinkitbu b'mod aktar li jinftiehem, jirriżulta minn dak li setgħet taqbad il-Qorti, li l-offerta tal-kumpanija appellanti ġiet imwarrba għal tliet raġunijiet:

i. Li għalkemm l-offerta tgħid li l-kumpanija appellanti kienet ħa tipprovdi *a T-Top Canopy,* li tista' tinqaleb f'kabina magħluqa permezz ta' plastik trasparenti, madankollu fl-istampa li ġiet provduta, m'hemmx murija l-kabina jew il-plastik li jagħlaq u dan bi ksur tal-partita numru 3.1.12;

ii. Li l-istampa provduta ma turix it-tubi tad-dgħajjes impinġija bil-blu, bi ksur tal-partita numru 3.1.3; u

iii. Li s-*sticker* tal-logo ġie mpinġi fuq in-*navigation console* u mhux fuq il-kabina skont il-partita 3.1.6.

23. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kkonferma l-iskwalifika tal-kumpanija appellanti għaliex qal li l-kumpanija appellanti ma messhiex ippreżentat *T-Top Cover* ġaladarba s-sejħa kienet titlob li tiġi ppreżentata *cuddy pilot cabin*. U peress li l-Bord sab li din ir-raġuni ta' skwalifika kienet tajba, allura huwa ddeċieda li ma jidħolx fuq iż-żewġ raġunijiet l-oħra ta' skwalifika dwar il-kulur tat-tubi u s-*stickers* tal-*logos*.

24. Fl-appell tal-kumpanija appellanti u fir-risposti tal-appellati ġew ittrattati t-tliet raġunijiet ta' skwalifika, inkluż dik dwar il-*logo* u dik dwar il-lewn tat-tubi li ma ġewx indirizzati mill-Bord. Minbarra dan, **<u>fis-seduta tat-8 ta' Awwissu, 2023</u>**, l-avukati tal-partijiet ivverbalizzaw li din il-Qorti għandha tiddeċiedi l-aggravji kollha inkluż dawk li ma ġewx deċiżi mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

25. Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex tindirizza l-aggravji, hija tħoss xieraq li tiġbor il-prinċipji legali li għandhom imexxuha f'dan l-appell.

26. Ibda biex, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn operaturi ekonomiċi, u li l-operaturi ekonomiċi kollha jiġu trattati ndaqs u trasparenti kull meta ssir sejħa għall-offerti, ikun x'ikun il-valur stmat tagħhom (ara r-**regola 39 tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** u ***Każ-336/12 Ministeriet for Forskning, Innovation og Videregående Uddannelser v. Manova A/S*** deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-10 ta' Ottubru, 2013).

27. L-obbligi ta' trasparenza u ta' trattament indaqs jiġu nieqsa jekk kemm-il darba l-awtorità kontraenti tista' tegħleb il-kundizzjonijiet li tkun stabbiliet hija stess fid-dokument tas-sejħa. Tabilħaqq meta fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti, l-awtorità kontraenti tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bi ħsiebha timponi fuq l-offerenti, hija tillimita ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, b'dana għalhekk li hija ma tistax tmur lura minnhom mingħajr ma tikser il-prinċipju tat-trattament indaqs bejn l-offerenti (ara ***Quattro Labs Limited pro et noe v. Malta College of Art, Science and Technology et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2018).

28. Awtorità kontraenti għalhekk mhijiex mogħtija l-jedd li tbiddel jew timmodifika l-kriterji tal-għoti ta' kuntratt matul il-proċedura tal-għotja (ara

***Każ-278/14 SC Enterprise Focused Solutions SRL vs. Spitalul Judeţean de Urgenţă Alba Iulia*** deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-16 ta' April, 2015).

29. Daqskemm awtorità kontraenti ma tistax twarrab offerta fuq raġunijiet li ma jkunux previsti fid-dokument tas-sejħa (ara ***Labo-Pharm Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019), daqstant ieħor ma tistax min-naħa l-oħra taċċetta offerta li ma tkunx toqgħod ma' dak mitlub fis-sejħa (ara ***Projekte Global Limited v. Ministru Għal Għawdex et*** *d*eċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Lulju, 2018).

30. Jaqa' fuq l-offerent stess li joqgħod ma' dak mitlub fis-sejħa, b'dana li huwa ma jistax joqgħod jippretendi li l-awtorità kontraenti għandha toqgħod issalvalu l-offerta jekk din tkun irregolari (ara ***J & J Gauci Granite Limited v. Grand Harbour Regeneration Corporation plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2023 u ***Steelshape Limited v. Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Awwissu, 2013).

31. Minkejja dan kollu però, jekk waqt l-għarbiel tal-offerti, l-awtorità kontraenti jirriżultalha xi żball ovvju f'xi offerta li jidher *ex facie* u li x'aktarx ikun biss ta' formalità, hija mhijiex imxekkla milli ssewwi dak l-iżball jew li

teħtieġ kjarifika dwaru mingħand l-offerent. Basta però, li dik it-tiswija jew kjarifika ma tkunx fir-realtà opportunità biex l-offerent jitħalla jdaħħal offerta ġdida (ara ***Servizi Malta Limited v. Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 2019).

32. Din il-possibilità ta' tiswija hija permessibbli biss, fuq is-saħħa tal-prinċipju tal-proporzjonalità, meta l-irregolarità fl-offerta tkun waħda minuri, manifesta, klerikali u bla ħsara għall-kompetizzjoni ġusta (ara ***Is-soċjetà ċivili KPMG v. Il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2017).

33. B'dawn il-prinċipji f'moħħha, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-kumpanija appellanti.

34. L-**ewwel aggravju** huwa dwar il-kabina tal-pilota regolata bil-partita 3.1.12.

35. Il-kumpanija appellanti tibda billi tissottometti li hija ħaġa stramba ħafna kif il-kumitat tal-għażla sab li l-offerta tagħha ma kinitx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Dan tgħidu għaliex l-offerta tagħha ġiet imħejjija minn William Vella, li għandu mhux biss baċellerat iżda saħanistra *masters* fl-inġinerija marittima.

36. Fil-fehma tal-Qorti però din ir-raġuni waħidha ma twarrabx l-iskwalifika tagħha. Għalkemm huwa tajjeb ħafna li offerta titħejja minn espert fil-qasam, madankollu l-fatt biss li offerta tkun inħadmet minn espert m'għandhiex titqies bħala prova minnha nfisha li l-offerta hija għalfekk bilfors konformi mal-ħtiġijiet tas-sejħa.

37. Din il-Qorti għalhekk jeħtieġilha tgħarbel jekk l-offerta tal-kumpanija appellanti tabilħaqq tikkonformax ruħha mal-ħtieġa teknika dwar il-kabina li tissemma f'partita 3.1.12 tad-dokument tas-sejħa. Kien sewwasew għalhekk li l-Qorti talbet lill-awtorità kontraenti sabiex tippreżenta kopja tal-offerta tal-kumpanija appellanti.

38. Illi skont il-**partita 3.1.12** ġa fuq riprodotta, il-kabina kellha tkun: (i) *closable with weather tight, removable, and transparent canopy with access*; u ta' (ii) *GRP or aluminium make with extended top*.

39. F'dan il-każ, fid-dokument li ġie ppreżentat mill-kumpanija appellanti hemm miktub li kienet ħa tipprovdi:

> *«Canopy t-top made of GRP with Aluminium frame work. Allside beneath the extended top will be fitted with closable weather tight, removable and transparent covers.»*

40. Minbarra dan fit-tieni tweġiba li l-kumpanija appellanti tat lill-kumitat tal-għażla hija fissret li:

> *«the proposed arrangement will attain a closable, weather tight, removable and transparent covers of the cuddy cabin designed to*

*best marine industry practices. The design of the transparent cover arrangement will feature a protruding groove on the underside of the GRP hard top which houses the topside of the covers. Fastening buttons and latches shall then be fitted to the console and deck respectively, to secure the bottom end of the cover. Means of access shall also be provided on the side facing the aft of the vessel, by means of a zipper, to allow easy passage for the crew into the cockpit area once the covers are in their fully deployed position. Same arrangement shall also be provided with latches on the upper end to secure the upward rolled covers in their fully concealed position, should the vessel's crew deem that this may be required.»*

41. Minn din l-ispjegazzjoni u mid-dokument li ġie ppreżentat mill-kumpanija appellanti joħroġ ċar li s-soluzzjoni provduta minnha taqbel perfettament ma' dak li hemm imniżżel fil-partita 3.1.12.

42. Imkien fil-partita 3.1.12 ma hemm miktub li l-kabina ma setgħetx ikollha qafas tal-aluminju, li minn fuq tingħalaq b'kanupew (*canopy*) magħmul bil-GRP (*Glass Reinforced Plastic*) u mill-ġnub tingħalaq permezz ta' għata tal-plastik (*plastic covers*).

43. Kontra dak li qal il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fis-sentenza tiegħu, ma hemm xejn ħażin bil-fatt li l-kanupew provdut mill-kumpanija appellanti għandu l-forma ta' T. L-importanti huwa li fl-aħħar mill-aħħar, meta tiġi armata l-kabina din tkun waħda li tagħlaq sew biex tilqa' għal kull tip ta' temp, tkun waħda li tista' tiżżarma u tkun trasparenti. Minn dak li qed tara l-Qorti, l-istruttura proposta mill-kumpanija appellanti tħares dawn il-kriterji kollha.

44. Huwa minnu li l-*profile view* u l-*plain view* tad-dgħajsa, fiż-żewġ stampi provduti mill-kumpanija appellanti, ma jurux kabina magħluqa bil-plastik iżda juru biss il-kanupew mingħajr il-plastik. B'daqshekk però, dan ma jfissirx li l-proposta tal-kumpanija appellanti tmur kontra dak mitlub fil-partita 3.1.12. Dan għaliex fl-ewwel stampa hemm nota fil-qiegħ li tgħid li, «*Cuddy pilot includes closable weather tight, removal and transparent covers mounted on top with easy attachments to the deck*», filwaqt li fit-tieni stampa hemm miktub li, «*Allside beneath the extended top will be fitted with closable weather tight, removable and transparent covers.*»

45. Fil-fehma tal-Qorti dawn id-dikjarazzjonijiet espliċiti tal-kumpanija appellanti dwar il-kabina jgħoddu daqs kull stampa li turi l-kabina. Daqskemm offerent huwa marbut li jipprovdi struttura li taqbel mal-istampa murija minnu, daqstant ieħor l-offerent huwa marbut li jipprovdi struttura li tkun taqbel ma' dak deskritt minnu.

46. Il-fatt li f'dan il-każ l-istampi ma jurux il-kabina, m'għandux jippreġudika l-offerta tal-kunpanija appellanti, ladarba fl-istess stampi hemm indikat u ddikjarat li d-dgħajsa hija mgħammra b'kabina li tista' tintrama u tiżżarma hekk mitlub fil-partita 3.1.12.

47. L-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti għalhekk qiegħed jintlaqa' u din l-ewwel raġuni ta' skwalifika msemmija mill-kumitat tal-

għażla, kif ikkonfermata mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi qiegħda titneħħa.

48. Iż-żewġ raġunijiet l-oħra ta' skwalifika tal-offerta tal-kumpanija appellanti msemmija mill-kumitat tal-għażla ma ġewx mistħarrġa mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. B'danakollu kif ingħad aktar kmieni, intlaħaq qbil bejn il-partijiet waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu, 2023, li din il-Qorti għandha tidħol fihom ukoll.

49. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha, il-kumpanija appellanti tilmenta mill-fatt li l-offerta tagħha ġiet skwalifikata għaliex l-istampa tad-dgħajsa ma turix it-tubi mpinġija bil-blu.

50. Illi skont il-partita 3.1.3 it-tubi tad-dgħajsa kellhom ikunu blu.

51. Fil-każ tagħna, l-istampa tad-dgħajsa ppreżentata mill-kumpanija appellanti kienet bajda u sewda, iżda fl-istess stampa kien hemm dikjarazzjoni li kienet tgħid hekk: «*Tubes to be of blue colour*».

52. Il-kumpanija appellanti targumenta li ladarba hija ddikjarat li t-tubi kienu ħa jkunu blu, allura dan kellu jkun biżżejjed biex jintwera li l-proposta tagħha kienet b'ħarsien tal-partita 3.1.3. L-appellati iżda ma jaqblux għaliex isostnu li l-kumpanija appellanti messha ppreżentat

stampa bil-kulur.

53. Din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-kumpanija appellanti, li din ir-raġuni tal-iskwalifika kienet barra minn lokha. Apparti l-fatt, li ma jirriżultax li kien hemm ħtieġa skont id-dokument tas-sejħa u skont il-formola tal-lista tal-letteratura li tiġi ppreżentata stampa tad-dgħajsa bil-kulur, xorta jibqa' l-fatt li d-dikjarazzjoni tal-kumpanija appellanti fl-istampa, li tgħid li t-tubi kienu ħa jkunu blu, kellha tkun biżżejjed biex jintwera konformità mal-partita 3.1.3.

54. Anke dan it-tieni aggravju għalhekk qiegħed jiġi milqugħ u b'riżultat ta' dan qiegħda titwaqqa' wkoll it-tieni raġuni ta' skwalifika msemmija mill-kumitat tal-għażla.

55. Jifdal biss l-**<u>aħħar aggravju</u>** dwar il-*logo*. Il-kumpanija appellanti taċċetta li hija pproponiet li twaħħal is-*sticker* tal-*logo* fuq is-*steering console* tal-kabina li hija fissa, minflok fil-parti tal-kabina li tiżżarma. Madankollu hija tgħid li skwalifika tal-offerta tagħha minħabba din ir-raġuni hija sproporzjonata u iebsa wisq meta jitqies li l-offerta tagħha hija ferm orħos minn dik li ġiet rakkomandata.

56. Illi skont il-partita 3.1.6, l-EMFF logo kellu jitwaħħal mal-kabina.

57. L-appellati jsostnu li la l-offerta tal-kumpanija appellanti ma kinitx qiegħda żżomm mal-kundizzjonijiet tas-sejħa, allura l-kumitat tal-għażla għamel sew li skwalifikaha minħaba din ir-raġuni.

58. Din il-Qorti tqis li huwa pertinenti ħafna hawnhekk dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Fire-tech Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti*** deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2015, li:

> *«Għalkemm huwa minnu illi, biex titħares it-trasparenza u ma jkunx hemm diskriminazzjoni, ir-regoli għandhom jitħarsu b'mod uniformi u prevedibbli, u s-soġġettività u d-diskrezzjonalità jitnaqqsu kemm jista' jkun, madankollu l-prinċipju ta' proporzjonalità jrid illi mhux kull nuqqas ikollu l-istess konsegwenza, iżda din għandha tiddependi mill-gravità tan-nuqqas (ara* ***Ballut Blocks Services Ltd v. Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali et*** *(app. 440/2012), Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2013) u mill-konsegwenzi tiegħu, partikolarment jekk jagħtix vantaġġ lil min jonqos jew joħloqx preġudizzju lil oblaturi oħra.»*

59. Tassew l-għan ewlieni wara s-sejħa għall-offerti *de quo agitur* ma kinitx li l-Gvern isib l-ewwel żball venjali sabiex jelimina l-konkorrenza. Mod ieħor, l-iskop wara din il-proċedura kienet biex il-Gvern jakkwista l-aħjar RHIBs bl-orħos prezz. L-iskwalifika tal-kumpanija appellanti minħabba l-post ta' fejn ġiet proposta li titwaħħal l-arma tal-EMFF mhijiex meħtieġa biex titħares il-kompetizzjoni ġusta ġaladarba din il-kwistjoni ma tolqotx il-kwalità u t-tip ta' dgħajjes li kien qiegħed ifittex il-Gvern. Barra minn hekk, l-iskwalifika tal-offerta tal-kumpanija appellata fuq raġuni venjali bħal din, hija miżura sproporzjonata meta wieħed iqis li jekk din tiġi attwata, din tista' twassal biex jintilef l-għan ewlieni tas-sejħa li l-kuntratt jingħata lil min għamel l-orħos offerta.

60. F'dan il-każ skont **klawsola 1.3** tad-dokument tas-sejħa, *«The Estimated Procurement Value for this Call for Tenders has been based on comprehensive research including appropriate financial analysis. In the context of this procurement, the Estimated Procurement Value, based on market research, is that of* ***<u>€320,000.00 excluding VAT</u>****.»*

61. Issa l-prezz tal-kumpanija rakkomandata United Equipment Co (UNEC) Ltd huwa ta' €399,861.08 mingħajr VAT, li huwa saħansitra aktar għoli mill-baġit stmat, filwaqt li l-prezz tal-kumpanija appellanti huwa ta' €277,920 bla VAT.

62. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jkunx qiegħed jitħaddem il-prinċipju tal-proporzjonalità jekk offerta vantaġġjuża tiġi mwarrba għas-sempliċi fatt li arma ġiet proposta li tiġi mwaħħla f'post ħażin.

63. Jinżel minn dan kollu, li anke dan l-aggravju huwa ġustifikat, b'dana għalhekk li anke din l-aħħar raġuni ta' skwalifika msemmija mill-kumitat tal-għażla qiegħda tiġi mneħħija.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell billi

tħassar is-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u billi tħassar ukoll l-iskwalifika ta' Polaris Marine Services Co. Ltd u l-għoti tal-kuntratt lil United Equipment Co (UNEC) Ltd, kif imfissra mid-Dipartiment tal-Kuntratti bl-ittra tal-11 ta' April, 2023. Minflok il-Qorti qiegħda tordna li l-atti għandhom imorru lura għand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dan jerġa' joħroġ aġġudikazzjoni ġdida, wara li jerġa' jdaħħal lura l-offerta ta' Polaris Marine Services Co. Ltd.

Tordna wkoll illi d-depożitu mħallas minn Polaris Marine Services Co. Ltd biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jintradd lura lilha.

Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Dipartiment tal-Kuntratti u mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da